

31991R0294

8.2.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 36/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) NRU 294/91****ta' 1-4 ta' Frar 1991****dwar l-operazzjoni tas-servizzi tal-merkanzija bl-ajru bejn l-Istati Membri**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 84(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi huwa importanti li jkunu adottati miżuri bil-għan li progressivament ikun stabbilit is-suq intern matul perjodu li jes-kadi fil-31 ta' Diċembru 1992, bħal ma hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 8a tat-Trattat; billi s-suq intern intern għandu jinkludi territorju mingħajr fruntieri interni li fihom il-moviment liberu ta' oġġett, persuni, servizzi u kapital huma assigurati;

Billi arranġamenti għal kooperazzjoni akbar dwar l-użu ta' l-ajrūport ta' Ġibiltà kienu ġew miftiehma f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987 mir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit f'dikjarazzjoni konġunta mill-Ministri ta' l-Affarijiet Baranin taż-żeġew pajiżi u li dawn l-arranġamenti għad iridu jidħlu fis-seħħ;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2343/90 <sup>(4)</sup> jipprovd i-għal-liberalizzazzjoni tas-servizzi tal-merkanzija bl-ajru operati flimkien mas-servizzi tal-passiġġieri;

Billi huwa xieraq li s-servizzi kollha tal-merkanzija bl-ajru għandhom ukoll ikunu liberalizzati;

Billi dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat;

Billi l-industria tal-merkanzija bl-ajru għadha tiffaċċja intoppi nazzjonali li jfixxlu l-moviment liberu ta' merkanzija bl-ajru;

<sup>(1)</sup> ĠU C 88, tas-6.4.1990, p. 7 u ĠU C 9, tal-15.1.1991, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU C 295, tas-26.11.1990, p. 694.

<sup>(3)</sup> ĠU C 182, tat-23.7.1990, p. 8.

<sup>(4)</sup> ĠU L 217, tal-11.8.1990, p. 8.

Billi żieda ta' possibilitajiet ta' aċċess għas-suq għandhom iħeġġu l-iżvilupp tas-settur tat-trasport bl-ajru tal-Komunità u jagħiġi bidu għal servizzi mtejba għall-utenti;

Billi ċerti Stati Membri jiddependu ħafna fuq is-servizzi tal-merkanzija bl-ajru għar-rabtiet tagħhom mal-kumplament tal-Komunità; billi l-moviment ta' merkanzija bl-ajru huwa element essenzjali għall-kummerċ;

Billi, bħala riżultat, huwa importanti li l-barrieri li preżenta-ment ifixklu l-aċċess tas-suq għas-servizzi tal-merkanzija bl-ajru;

Billi huwa mixtieq bħala l-ewwel stadju li jiżdiedu l-possibilitajiet tas-servizzi tal-merkanzija bl-ajru bejn l-Istati Membri;

Billi regoli komuni għall-għoti ta' liċenzji għall-operazzjonijiet għandhom ikunu mħejjija u adottati mill-Kunsill mhux aktar tard mill-1 Luuji 1992;

Billi, wara li jittieħed kont ta' l-infrastruttura u l-għajnejn navigazzjonali ta' l-ajrūport, huwa meħtieġ li jkunu nklużi ċerti limitazzjonijiet li jikkonċernaw l-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku;

Billi l-komunikazzjonijiet tar-rati normali kollha tal-merkanzija joħolqu aktar trasparenza fis-suq;

Billi, sabiex ikunu aktar jistgħu jikkompetu, il-burdnara tal-merkanzija bl-ajru tinħtieġ aktar flessibilità fl-iffissar tar-rati tat-tagħbija,

**ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:**

**Kamp ta' applikazzjoni u definizzjoni**

**L-Artikolu 1**

1. Dan ir-Regolament jikkonċerna:

(a) l-aċċess għas-suq ta' l-operazzjoni tas-servizzi tal-merkanzija bl-ajru bejn l-Istati Membri mit-trasportaturi tal-merkanzija bl-ajru tal-Komunità;

(b) ir-rati tal-merkanzija bl-ajru bejn l-Istati Membri.

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajrūport ta' ġibiltà huwa mifhum li huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fdak li jirrigwardja l-kwistjoni dwar is-sovranità dwar it-territorju li fih jinstab l-ajrūport.

3. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ġibiltà għandu jkun sospiżsa kemm l-arrangġamenti tad-dikjarazzjoni kongħunta magħmula mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987 ikunu sar ope-rabbli. Il-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit għandhom hekk jinfurmaw lill-Kunsill f'dik id-data.

## L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "trasportatur tal-merkanzija bl-ajru" għandha tfisser l-impriża tat-trasport bl-ajru li jkollha l-pusseß ta' liċenzja valida tal-operazzjoni maħruġa minn Stat Membri u li tawtorizzaha li topera, ta' l-anqas servizzi ta' merkanzija bl-ajru;

(b) "trasportatur tal-merkanzija bl-ajru tal-Komunità" għandha tfisser:

(i) trasportatur ta' merkanzija bl-ajru li għandu, u jżomm, fiċ-ċentru amministrattiv u fil-post ewljeni tan-negożju fil-Komunità, u li l-maġġorita ta' l-ishma tiegħi huma, u jibqgħu li jkunu, miżmuma minn Stati Membri u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri u li hu, u li jibqa jkun, effettivament ikkontrollat minn dawk l-Istat jew persuni; jew

(ii) trasportatur tal-merkanzija bl-ajru li jilħaq id-definizzjoni fl-Artikolu 2(e)(ii) tar-Regolament (KEE) Nru 2343/90 u li huwa inkluż fl-Anness t'hawn;

(c) "rati tal-merkanzija (tat-tagħbijsa)" għandha tfisser il-prezzijiet li għandhom jitħallsu fil-munita nazzjonali għall-ġarr tal-merkanzija u l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom dawn ir-rati jkunu applikati, inkluża r-remunerazzjoni u l-kondizzjonijiet offruti lejn aġenzija jew servizzi oħra jnejha;

(d) "rati normali tat-tagħbijsa" għandha tfisser il-prezzijiet li t-trasportatur bl-ajru normalment ikun jikkwota għat-trasport tal-merkanzija u l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom dawn ir-rati jaġġikaw mingħajr ma jittieħed kont ta' xi skonti speċjali;

(e) "servizzi ta' merkanzija bl-ajru" għandha tfisser is-servizzi bl-ajru li jġorru biss merkanzija u posta;

(f) "id-dritt tat-traffiku tat-tielet libertà" għandha tfisser id-dritt ta' trasportatur bl-ajru liċenzjat fi Stat wieħed li jħott, fit-territorju ta' Stat Membri ieħor, passiġġieri, merkanzija u posta miġbura fi Stat li fih il-liċenzja kienet għet maħruġa;

"id-dritt tat-traffiku tar-raba' libertà" għandha tfisser id-dritt ta' trasportatur bl-ajru li jieħed li jgħabbi, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, passiġġieri, merkanzija u posta biex tkun maħtuta fi Stat li fih il-liċenzja kienet għet maħruġa;

"id-dritt tat-traffiku tal-ħames libertà" għandha tfisser id-dritt ta' trasportatur li jinvolvi ruħu fit-trasport bl-ajru ta', passiġġieri, merkanzija u posta bejn żewġ Stati apparti milli dak l-Istat li fih il-liċenzja kienet għet maħruġa;

(g) "sistema ta' l-ajuport" għandha tfisser tnejn jew aktar ta' ajrūporti miġbura flimkien bħala li jservu l-istess belt;

(h) "l-Istati konċernati" għandha tfisser l-Istati Membri li bejniethom is-servizz tal-merkanzija bl-ajru jkun operat;

(i) "l-Istat tar-reġistrazzjoni" għandha tfisser l-Istat Membri li fih il-liċenzja msemmija fi (a) tkun maħruġa.

## Liċenzji ta' l-operat

### L-Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa r-relazzjoni bejn Stat Membri u t-transportaturi tal-merkanzija bl-ajru li huma liċenzjati min dak l-Istat rigward l-aċċess tas-suq u l-kapaċitā ta' l-implementazzjoni.

2. Il-Kunsill għandu, fuq il-bażi ta' proposta li tikkonċerha l-ispeċifikazzjoni u l-kriterja komuni li għandha tkun ippreżentata mill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 1991, jadotta regoli li jirregolaw il-liċenzjar tat-transportaturi tal-merkanzija bl-ajru u r-rotta l-liċenzjata li tiddaħħal b'effett mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1992.

## Market aċċess

### L-Artikolu 4

Bla ħsara għad-dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament, it-transportaturi tal-merkanzija bl-ajru tal-Komunità għandhom ikoll-hom il-permess li joperaw it-tielet u r-raba' libertajiet tar-servizzi tal-merkanzija bl-ajru bejn ajrūporti jew sistemi ta' ajrūporti fi Stat Membri wieħed u ajrūporti jew sistemi ta' ajrūporti fi Stat Membri ieħor meta dawn l-ajrūporti jew sistemi ta' ajrūporti jkunu miftuħa għat-traffiku tal-merkanzija bl-ajru bejn Stati Membri jew għal traffiku internazzjonali.

### L-Artikolu 5

1. Stat Membri għandu jawtorizza lit-transportaturi tal-merkanzija bl-ajru li jeżerċitaw it-tielet, ir-raba' u l-ħames libertà tad-drittijiet tat-traffiku meta dawk it-transportaturi jkunu

liċenzjati fi Stat Membru ieħor, u li jkunu ġew awtorizzati minn dak l-Istat biex jeżerċitaw dawk id-drittijiet; il-ħames libertà tad-drittijiet tat-traffiku tista' tkun eżerċitata fuq servizz li jikkostitwixxi estensjoni ta' servizz minn, jew bħala servizz preliminary lejn, l-Istat tagħhom tar-reġistrazzjoni.

2. Fl-operazzjoni tas-servizzi tal-merkanzija bl-ajru lejn jew minn tnejn jew aktar punti fi Stat Membru ieħor jew bejn l-Istati Membri apparti milli l-Istat tiegħu tar-reġistrazzjoni, it-trasportatur tal-merkanzija bl-ajru tal-Komunita għandu jkollu l-permess mill-Istat Membru konċernat li jgħaqqa is-servizzi u li juża l-istess numru tat-titjira.

### Flessibilità ta' l-operazzjonijiet

#### L-Artikolu 6

1. It-trasportaturi tal-merkanzija bl-ajru tal-Komunità jistgħu fi kwalunkwe punt matul rottu li jwettqu tagħbija mill-ġdid intermedjarja meta din tinvolti tibdila waħda biss ta' l-ajrupalan.

2. Bla īxsara għall-Artikolu 8, m'għandu jkun hemm l-ebda restrizzjonijiet dwar il-frekwenza tas-servizz, it-tip ta' l-ajrupalan u/jew l-ammont ta' merkanzija u posta li tista' tinġarr.

### Kondizzjonijiet għall-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku

#### L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa d-dritt ta' Stat Membru li jirregola, mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonali, id-distribuzzjoni tat-traffiku bejn l-ajrupoporti fsistema ta' ajrupoporti.

#### L-Artikolu 8

1. L-eżerċitar tar-drittijiet tat-traffiku għandhom ikunu soġ-ġetti għar-regoli tal-Komunità, nazzjonali jew lokali li għandhom ikunu ppubblikati rigward is-sigurtà, il-protezzjoni ta' l-ambjent jew dwar l-allokazzjoni ta' slots u dwar il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-ajrupoport jew is-sistema ta' l-ajrupoporti konċernati għandu jkollu faċilitajiet suffiċjenti biex jakkomodaw is-servizz;
- (b) għajnuniet navigazzjoni għandhom ikunu suffiċjenti biex jakkomodaw is-servizzi.

2. Meta l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma jkunux milħuqa, l-Istati Membri jistgħu, mingħajr diskriminazzjoni dwar in-nazzjonali, jimponi kondizzjonijiet fuq, jillimita jew jirrifjuta l-

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 Frar 1991.

eż-żejt ta' dwak id-drittijiet tat-traffiku. Qabel ma jieħu miżura bħal dik, l-Istat Membru konċernat għandu jinforra l-Kummissjoni u jipprovdha bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

3. Fuq it-talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 fi kwalunkwe każ-partikolari u fi żmien xahar tiddeċċiedi jekk l-Istat Membru jkunx jista' jkompli li japplika l-miżura.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lejn il-Kunsill u lejn l-Istati Membri. Kwalunkwe mill-Istati Membri jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lejn il-Kunsill fil-limitu ta' żmien ta' xahar. Il-Kunsill, li jaġixxi b'magħgoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-perjodu ta' xahar.

### Prezzijiet

#### L-Artikolu 9

1. Ir-rati tal-merkanzija mitluba mit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità għandhom ikunu stabbiliti skond ftehim libru bejn il-partijiet tal-kuntratt tal-ġarr.

2. It-trasportaturi bl-ajru li joperaw fi ħdan il-Komunità għandhom jagħmlu disponibbli fuq talba, ir-rati normali kolha tal-merkanzija, lejn il-pubbliku ġenerali.

### Dispożizzjonijiet ġenerali

#### L-Artikolu 10

1. Dan ir-Regolament m'għandux ifixkel lill-Istati Membri milli jikkonklu bejniethom stess l-arranġamenti li huma aktar flessibili milli min dawk tad-dispożizzjoni ta' l-Artikoli 4, 5 u 6 jew milli jkomplu jżommu eżistenti l-arranġamenti bħal dawk.

2. Id-dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jintużaw biex jagħmlu d-drittijiet l-arranġamenti eżistenti f'dak li jirrigwardja l-aċċes għas-suq, il-kapaċità ta' l-implementazzjoni u l-flessibilità operattiva, aktar restrittiva.

### Dispożizzjonijiet finali

#### L-Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. F. POOS

*L-ANNESS***Trasportaturi tal-merkanzija bl-ajru li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 2(b)(ii)**

- Scandinavian Airlines System,
  - Britannia Airways,
  - Monarch Airlines.
-